***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 413 tal-11 ta' Jannar 2021 dwar l-applikabilità ta' sanzjonijiet fil-konfront ta' persuni li ma jkunx għadhom membri tal-Kamra**

Fil-laqgħa numru 14 tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika li saret fil-5 ta' Jannar 2021 is-Sedja intalbet tagħti ruling dwar l-applikabilita' tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblikata', li jitkellem dwar sanzjonijiet, fil-konfront ta' persuni li ma jkunx għadhom Membri tal-Kamra.

Is-Sedja għamlet referenza għar-rapport li kien qed jiġi trattat fil-laqgħa fuq imsemmija u li kien ġie ippreżentat minn Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, fir-rigward ta' denunzja li kellu mill-Perit Carmel Cacopardo biex jinvestiga l-għoti ta' kuntratt ta' konsulenza lill-eks Ministru Konrad Mizz u dan bl-iskop li tkun eżaminata l-imġiba ta' Joseph Muscat (Prim Ministru), Konrad Mizzi (ex-Ministru u Membru Parlamentari), Gavin Gulia (Chairman tal-Awtorità tat-Turiżmu) u Johann Buttigieg (Chief Executive Officer tal-Awtorità tat-Turiżmu).

Fir-rapport tiegħu l-Kummissarju ddeċieda li l-azzjoni ta' Dr Joseph Muscat kienet *prima facie tammonta* għal azzjoni kontra dak li jgħid l-artikolu 22(1)(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u ksur tal-artikolu 5.8 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari.

Proċeduralment fil-laqgħa numru 14 il-Kumitat kien wasal fil-fażi fejn skont l-artikolu 27 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570), kien jeħtieġlu jiddeċiedi jekk jadottax ir-rapport tal-Kummissarju jew inkella jekk jiċħadx ir-rapport jew inkella jekk kienx meħtieġ li l-allegazzjoni tiġi investigata iżjed. Il-Membri kollha b'mod unanimu ddeċidew li jadottaw ir-rapport tal-Kummissarju dwar dan il-każ. Kien hemm ukoll dikjarazzjoni mill-Membri tal-Gvern li talbu li fil-Minuti tal-Kumitat jiġi reġistrat li filwaqt li n-naħa tal-Gvern qiegħda taqbel li r-rapport jiġi adottat, qiegħda fl-istess ħin tinsisti li s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika m'għandhomx u ma jistgħux jiġu applikati fil-konfront tal-persuna indagata. Dan *stante* l-fatt li din l-istess persuna m'għadhiex Membru tal-Kamra u allura ma taqax taħt id-definizzjoni tal-Artikolu 3 tal-istess Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, liema sitwazzjoni hija valida sal-lum.

Ir-*ruling* li ntalab kien fil-fatt jirrigwarda dan il-punt jiġifieri dwar l-applikabilità tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-konfront ta' persuni li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-liġi kif stipulat fl-Artikolu 3 tal-istess Att.

Is-Sedja tibda l-konsiderazzjoni tagħha billi tirreferi għal dak li jgħid l-Artiklu 28 u tikkwota:

> "28. Meta l-Kumitat isib li jkun hemm ksur tal-Kodiċi ta' Etika jew ta' xi dmir statutorju jew etiku, il-Kumitat jista', wara li jagħti lill-persuna involuta d-dritt li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, jiddeċiedi fuq waħda jew iżjed minn dawn is-sanzjonijiet li ġejjin:
>
> (a) iċanfar lill-persuna investigata;
>
> (b) jirrakkomanda li l-kwistjoni tkun irrappurtata lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, skont kif ikun il-każ, għal iżjed investigazzjoni;

(ċ) fil-każ meta l-persuna investigata tkun impjegata, il-Kumitat jista' jordna lill-Gvern jew lil kull entità jew korp statutorju, sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa skont il-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persuna msemmija, bil-għan li jirrimedja l-ksur;

(d) fil-każ ta' membru tal-Kamra tad-Deputati -

(i) jirrakkomanda li l-imsemmija Kamra għandha tordna l-membru sabiex jirrimedja kull ksur;
(ii) jitlob apoloġija bil-miktub li ssir lill-Kumitat;
(iii) jitlob apoloġija permezz ta' dikjarazzjoni personali fil-Kamra;
(iv) jitlob pagament mill-ġdid ta' jew pagament ta' riżorsi użati ħażin;
(v) jirrakkomanda li l-Kamra tad-Deputati tieħu kull miżura oħra li jidhrilha xierqa;

(*e*) f'kull każ, il-Kumitat jista' jirrakkomanda li l-Kamra tad-Deputati tordna lill-persuna li tkun qiegħda tiġi investigata sabiex tirrimedja l-ksur."

Is-Sedja tinnota li hija qed tintalab tiddelibera fuq punt biex il-Kumitat ikun imbagħad jista' jiggwida ruħu meta jiġi biex jiddeċiedi jekk l-eks Membru Parlamentari Joseph Muscat għandux jingħata l-opportunità biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jekk il-Kumitat jistax japplika xi waħda jew iżjed mis-sanzjonijiet imsemmija. Is-Sedja hawn qed tifhem li baqa' biss sanzjoni waħda li tista' tingħata, dik li ċċanfar lill-persuna investigata.

Is-Sedja rat il-pożizzjoni li ħadet is-Sedja f'diversi okkażjonijiet oħra meta ġiet mitluba tidħol fuq il-kompetenza tal-kumitati parlamentari li jkunu ġew appuntati bis-saħħa tal-Ordnijiet Permanenti jew b'Att tal-Parlament. Jiġi nnotat li s-Sedja tat mhux inqas minn sitt *rulings* f'dan ir-rigward, fejn dejjem ġie ritenut li kumitat parlamenari huwa kostrett li jimxi mal-poteri li jtuh l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamrajew il-liġi li tkun waqfitu. Fil-fatt f'*ruling* li tat is-Sedja fis-seduta 26 tal-4 ta' Ġunju 2013, is-Sedja, wara li l-ewwel eżaminat x'jgħid eżattament l-Artiklu 34 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504) li huwa li jirregola l-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, kienet qalet hekk:

> "Il-vjolazzjoni ta' artiklu 34 allura jseħħ biss meta jkun hemm rapport jew rakkomandazzjoni li jmorru kontra r-remit tal-istess artiklu 34."

F'*ruling* ieħor li s-Sedja tat fis-Seduta Nru 130, tas-17 ta' Marzu 2014, is-Sedja ikkwotat mill-Artikolu 34 (2) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-Ippjanar:

> ""(2) Il-Kumitat Permanenti għandu:
> ...
> (a) jagħmel reviżjoni ta' kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew riġettat;".

minn fejn allura joħorġu l-poteri tal-Kumitat u kompliet tgħid hekk:

> "Dawn huma l-poteri li għandu dan il-Kumitat. Iktar minn hekk huwa kollox *ultra vires*. Il-fatt li l-Kumitat seta' beda d-diskussjoni dwar xi ħaġa li ma taqax fir-*remit* tiegħu, jew

li seta' ftiehem fuq kif se tkompli għaddejja dik id-diskussjoni li ma taqax taħt il-poteri tiegħu kif definiti fl-artikolu 34, ma jagħti l-ebda dritt lil dan il-Kumitat li jkompli b'dik id-diskussjoni ladarba l-istess House Business Committee wara li ddiskuta l-problema mqajma mill-Kumitat dwar l-Ambjent iddeċieda li d-diskussjoni dwar dan il-proġett u r-rapport tal-EIA tmur quddiem il-plenarja. Dan qed jingħad għaliex Kumitat li b'mod ċar mhuwiex regolat bl-iStanding Orders imma huwa regolat b'liġi ..."

Dan l-argument kien ġie espress mill-istess Sedja f'*ruling* ieħor li ngħata fis-Seduta 139 tal-5 ta' Frar 2019.

F'*ruling* ieħor li tat is-Sedja fis-Seduta 250 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar il-mansjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, is-Sedja wkoll kienet qalet li, kif indikat ukoll f'paġna 911 tal-24 edizzjoni tal-Erskine May:

> ""*A joint committee has only such authority and can excercise only those powers which have been given it by both Houses.*"
>
> Is-Sedja qiegħda għaldaqstant tiddeċiedi illi l-mansjoni tal-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp hija ben definita u ċirkoskritta bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent ċitati f'dan ir-*ruling*, liema dispożizzjonijiet jitkellmu ċar dwar liema materji għandhom jiġu kkonsidrati mill-Kumitat u wkoll x'azzjoni għandu jieħu l-Kumitat fir-rigward. *Ubi lex voluit, dixit.*".

F'deċiżjoni riċenti oħra li kienet tat is-Sedja s-sena l-oħra, proprju fil-5 ta' Frar 2020, dwar il-mansjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, kien intqal hekk:

> "… is-Sedja rat ukoll dak li jintuża bħala prattiċi fil-pajjiżi tal-Commonwealth u anke fil-House of Commons, u dan minħabba l-fatt li fin-nuqqas ta' dettall li jista' jkun hemm fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, Ordni Permanenti 97 li jgħid hekk:
>
> > "**197.** Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-ordnijiet permanenti…"
>
> - għalkemm, kif spjegajt, jidher li huma regolati mill-Ordni Permanenti 120E –
>   "… wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit li għandhom jiġu segwiti sa fejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa tan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni.".

F'dak ir-*Ruling* ikompli jingħad hekk:

> "Hawnhekk jidher li l-Public Accounts Committee Malti għandu setgħat iktar wiesgħa minn setgħat li għandhom Public Accounts Committees oħrajn, tant li minbarra r-rapporti li jkunu ġew ippreżentati mill-Awditur Ġenerali, jista' wkoll jissindika kontijiet pubbliċi li jkunu ġew riferuti lill-istess Public Accounts Committee mill-Kamra tar-Rappreżentanti u anke minn Ministru.".

L-aħħar *ruling* li s-Sedja tat dwar dan il-punt ta' proċedura fir-rigward ta' kumitati parlamentari li jkunu ġew statutorjament maħtura, huwa dak li ngħata fis-Seduta 401 tas-17 ta' Novembru

2020, li kien jittratta l-proċedura li għandha tiġi addottata mill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi. F'dik id-deċiżjoni s-Sedja kienet qalet li:

> "... hija tal-opinjoni li teżisti l-ħtieġa li l-proċedura tiġi sanata billi l-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi jipproċedi bis-smigħ tal-persuna nominata u li d-data ta' meta l-ħatra għandha titqies bħala li saret effettiva għandha tkun tirrifletti t-termini stipulati fl-artikolu 38 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika fejn jirrigwarda x-xogħol li l-istess liġi tesiġi li jsir mill-Kumitat.".

Is-Sedja irreferit ukoll għall-mod kif dan il-qasam tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika huwa regolat f'parlamenti tal-pajjiżi tal-Commonwealth u hawn tagħmel referenza għal Briefing Paper maħruġa min-Northern Ireland Assembly fis-7 ta' Diċembru 2011, intitolata "Further Information on Standards Commissioners", intqal li:

> "*Section 20 of the Scottish Parliamentary Standards Commissioner Act 2002 (SPSC Act 2002) states that for the purposes of the Act 'member of the parliament' includes former Members. Therefore, this allows former Members to be investigated for alleged breaches of the Code of Conduct. In his 2007-08 annual report, the Commissioner detailed an investigation into a former Member. The alleged misconduct took place when the Member had been an MSP (Member of the Scottish Parliament).*".

Hawnhekk qed jingħad li ladarba li f'din il-liġi Skoċċiża qed jiġi definit b'mod ċar li t-terminu "*members of the parliament*" jinkludi wkoll "*former Members",* persuni li ma jkunx għadhom Membri tal-Kamra jistgħu jiġu investigati dwar allegazzjonijiet ta' ksur ta' kodiċi ta' etika.

Hawnhekk naraw kuntrast ċar ma' dak li nsibu fis-subartikolu 3(1) tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn insibu dan li ġej:

> "3(1) Dan l-Att japplika għal:
>
> (a) Membri tal-Kamra tad-Deputati, inklużi Ministri, Segretarji Parlamentari u Assistenti Parlamentari.
> (b) Persuni ta' fiduċja biss in kwantu għandhom ikunu fis-setgħa tal-Kummissarju, ...".

Jiġifieri joħroġ ċar li fil-liġi Maltija m'hawn l-ebda referenza jew provvediment li jista' jimftiehem li t-terminu "Membri tal-Kamra" jinkludi wkoll "eks Membri tal-Parlament".

Is-Sedja rat ukoll x'ġara fin-National Assembly ta' Wales fejn ġie nnotat li l-leġiżlazzjoni li tirregola l-Kummissarju u l-Kumitat tal-Istandards ma tagħmilx referenza għal *former Members*. Hemmhekk ukoll kienet inqalgħet il-kwestjoni dwar jekk tistax tapplika sanzjonijiet fil-konfront ta' *former Member* meta l-investigazzjoni kienet diġà skattat waqt li l-persuna kienet għadha Membru Parlamentari. Fl-istess *briefing paper* maħruġa min-Northern Ireland Assembly li diġà kkwotajt minnha, intqal li meta l-Commissioner for Standards in the National Assembly for Wales kien mistoqsi dwar dan, hu rrisponda hekk, u nikkwota:

> *"Under Section 6 of the Measure, I'm empowered to investigate "any complaint that the conduct of the Assembly Member has, at a relevant time, failed to comply with a requirement of a relevant provision". A "relevant time" is defined as "a time when the requirement in question was in force". Therefore, if a complaint is received about the conduct of a former Member relating to the time that they were a Member, then I am*

*able to investigate ... a hypothetical example might be an alleged misuse of Assembly resources for electoral purposes in the run up to an election at which the Member is subsequently defeated. It would be open to me, as Commissioner, to investigate such a matter, even though the individual was no longer a Member of the Assembly.*".

Dwar dan il-każ ir-rapport jikkonkludi hekk:

"*However it remains unclear to what extent the Committee could impose sanctions on former Members.*

*The Commissioner is currently consulting on the Procedure for Dealing with Complaints and it is likely that the issue of sanctions will be addressed as part of thhis. The Commissioner will be bringing forward his proposed changes to the Procedure in early 2012, to be considered formally by the Committee on 21 February."*

L-istess *briefing paper* tagħmel referenza wkoll għal każ li nqala' fil-House of Commons u li ġie rrapportat f'Diċembru 2010 mill-Kumitat dwar l-Istandards u l-Privileġġi tal-istess House of Commons dwar allegat offerti ta' "*US Communications company access*" lil Ministri. Fir-rimarki li jsiru dwar sanzjonijiet li jistgħu jittieħdu kontra eks Membri, insibu dan li ġej:

*"We are unaware of any modern precedent for punishing a former Member for miscondiuct committed while still a Member. The range of sanctions available to the House when dealing with such a breach must be regarded as very limited.*

*The options of requiring an apology on the floor of the House or of suspension from the service of the House are of course no longer applicable in such cases.*

*It is commonly supposed that the House has untrammelled power to fine or to imprison offenders, but no one has been fined by the Commons since 1666 and the last committal of an offender was in 1880. The use of these powers would be a major step; it is not a step we invite the House to take. It is also some time since anyone was summoned to the bar of the House to be reprimanded or apologise, the last case being in 1957.",*

Dwar sanzjonijiet lil eks Membri tal-Kamra r-rapport ikompli jgħid dan:

"*The House may not interfere with the pension entitlement of a former Member, which is a matter governed by statute. The House does, however, retain control over access to its precincts. The current rules allow former Members to apply for and be issued with a photopass, which grants them privileged access to parts of the Parliamentary estate and to some of the facilities located on the estate. This entitlement can be suspended or withdrawn.*".

Ovvjament din it-tip ta' sanzjoni mhijiex ikkonsidrata fil-każ tal-Parlament Malti.

Is-Sedja mhijiex fil-libertà li tagħmel referenza għal dak li ngħad fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istandards tal-14 ta' Ottubru 2020 li nżammet *in camera* fejn kien hemm id-depożizzjoni tal-Kummissarju Hyzler dwar ir-rapport inkwistjoni. Tħossha libera però li tagħmel referenza għall-mod kif numru ta' każijiet fil-House of Commons li ssemmew fl-istess laqgħa li t-tagħrif dwarhom jinsab fid-dominju pubbliku *tramite* numru ta' rapporti.

Fil-fatt is-Sedja marret mill-ewwel għall-aħħar rapport dettaljat tas-Sessjoni 2019/2021 tal-House of Commons Committee on Standards intitolat *Sanctions in respect of the conduct of Members* li jagħti anke indikazzjoni b'mod ċar tar-rakkomandazzjonijiet u sanzjonijiet li ngħataw lill-Membri tal-Parlament tal-House of Commons, fosthom Boris Johnson, Charlotte Atkins, Janet Anderson, Sir Henry Bellingham u Stephen Pound.

Is-Sedja tinnota li l-azzjoni li ttieħdet kontra dawn il-Membri hija regolata bi proċedura *ad hoc*, liema proċedura mhijiex riflessa fil-liġi Maltija u ċjoè fl-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Dan il-poter li ġie mogħti mill-Kamra biex jiġu investigati eks Membri joħroġ ukoll mill-*Annual Report – April 2018 – March 2019 – Parliamentary Commissioner for Standards* fejn jgħid hekk:

> "*On 7 January 2019, the House modernised some of the Commissioner's procedures. As a result, she can now investigate allegations sent to her by email or in other formats. And she could investigate a former MP or a case more than 7 years old, or refer it to the Metropolitan Police without consulting the Standards Committee. These changes affirm the Commissioner's independence.*"

Minn dan joħroġ li l-House of Commons rat opportun li tieħu azzjoni biex tagħmilha aktar faċli sabiex il-Kummissarju tkun tista' tinvestiga allegazzjonijiet fil-konfront ta' eks Membri Parlamentari.

Is-Sedja tara li ladarba l-poteri tal-Kumitat Permanenti huma regolati b'liġi *ad hoc* u mhux bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, hija ma tistax tinvoka l-Ordni Permanenti 197 biex tkun tista' tirreferi għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit.

Is-Sedja għaldaqstant tħoss li ladarba l-Kumitat Permanenti dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika huwa mwaqqaf u regolat b'liġi – f'dan il-każ l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570 – hija ma tistax tirrikorri għall-proċedura li tintuża fil-House of Commons.

Is-Sedja daħlet ukoll fil-kwestjoni mqajma mill-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Karol Aquilina fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-5 ta' Jannar 2021 u nikkwota:

> "Jien naħseb li f'dan il-każ, id-dritt tiegħu

– qed jagħmel referenza għall-eks Prim Ministru Joseph Muscat –

> li jwieġeb, m'għandniex aħna niċħduhulu għax b'dan il-każ partikolari nifhem – u r-rapport huwa ċar – u aħna qbilna, iż-żewġ naħat tal-Kamra dwar il-kontenut tiegħu. Però ma nixtieqx li kif semma tajjeb l-Onor. Byron Camilleri li wieħed joħloq preċedent li ma jippermettix lil xi ħadd li l-Kummissarju beda investigazzjoni fuqu meta hu kien f'din il-Kamra, ipproċeda bir-rapport. ...
>
> M'għandniex nieħdu l-każ inkwistjoni għax il-każ inkwistjoni huwa diġà kristalizzat u wisq probabbli l-eks Prim Ministru Joseph Muscat jerġa' jgħidilna "m'għandi xejn iktar xi nżid ma' dak li għedt qabel". Però ma naħsibx li aħna għandna naqbdu u niċħdulu mid-dritt li jagħmel din il-ħaġa. Allura ngħid li l-liġi tgħodd anke f'dan il-każ, għax ladarba bdiet l-investigazzjoni allura hu għandu jkollu d-*due process* tiegħu kollu kif stabbilit fil-liġi li jista' jwieġeb għaliha."

Dan b'referenza għal dak li qal l-Onor. Mifsud Bonnici, is-Sedja daħlet fih ukoll dan il-punt, ovvjament id-dritt li jispjega ruħu għal dak li qed jiġi allegat fil-konfront tiegħu l-eks Prim Ministru Muscat għamilha fl-istadju ta' investigazzjoni tant li daħal b'mod dettaljat anke fir-rapport tiegħu l-Kummissarju Hyzler imma hawnhekk qegħdin fi stadju mhux li huwa jkollu dritt li jispjega ruħu jew d-dritt li jagħti x-xhieda tiegħu jew id-dritt li jagħmel in-notamenti tiegħu, hawnhekk qegħdin fl-istadju tal-proċedura taħt l-artikolu 28 fejn wara li l-Kumitat adotta r-rapport meta qed jaqbel ma' dak li nkiteb fir-rapport mill-Kummissarju Hyzler fil-konfront tal-eks Membru Parlamentari Joseph Muscat; issa wasalna fil-punt fejn dan skont l-artiklu 28 għandu jingħata l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu qabel mal-Kumitat jiddeċiedi dwar is-sanzjoni rimarrenti li hija li jċanfar il-persuna investigata.

Hawnhekk is-Sedja daħlet fuq dan il-punt ukoll fejn f'preċiżjoni li tat l-European Court for Human Rights fil-konfront ta' Membru Parlamentari Ingliż Geoffrey William Hoon li kien għamel kontra l-Ingilterra fejn dan bil-maqlub li għamel referenza għaliha l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici kien talab lill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li nkisrulu d-drittijiet tiegħu peress li saru diversi vjolazzjonijiet fil-konfront tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem għaliex huwa ma ngħatax id-dritt li jmur fil-Qorti biex jiċċelinġja l-legalità tal-proċeduri parlamentari u s-sanzjonijiet imposti fil-konfront tiegħu. U dan b'referenza għad-dritt tal-ħajja privata tiegħu li skont hu sar ksur fil-konfront tagħha, ta' dan id-dritt, u allura huwa ma setax jipproċedi b'mod ġudizzjarju fil-Qorti Ingliża u l-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem qaltlu li ladarba huwa ngħata d-dritt waqt l-investigazzjoni li jagħti u jispjega u jkollu l-opportunità tiegħu li jispjega dan kollu allura ma nkisrulu l-ebda drittijiet.

Allura meta wieħed jagħmel referenza għal dak li qed jgħid l-Onor. Mifsud Bonnici mhuwiex f'dan l-istadju li ma ngħatax l-opportunità imma huwa l-istadju li jekk aħniex għandniex id-dritt li tagħtina l-liġi kif ġie stabbilit dan il-Kumitat li jidħol ukoll fi proċedura ta' sanzjoni meta l-istess Membru li kien suġġett ta' din l-investigazzjoni llum m'għadux Membru tal-Parlament. U allura jekk għandniex il-poter, li l-liġi ma tagħtiniex f'dan il-każ, li nistiednu lill-persuna inkwistjoni s-suġġett ta' dan il-każ li huwa l-eks Membru Parlamentari Muscat li ukoll jerġa' jagħmel sottomissjonijiet qabel mal-Kumitat jiddeċiedi li japplika s-sanzjoni dwar ċanfira lill-persuna investigata.

Dan huwa punt importanti li persuna li lum hija privata, mhijiex persuna fil-Parlament u allura ukoll wieħed jista' jagħmel referenza għal dak li ġie deċiż anke fil-Qorti Kostituzzjonali fejn mingħajr preġudizzju għall-fatt l-każ in eżami s-Sedja tħoss li m'għandhiex tiġi applikata l-artiklu 28 għal raġunijiet indikati li diġà minħabba raġunijiet ta' poteri li jistgħu jkunu *ultra vires* għal dak li joħroġ mill-istess Att imma wkoll l-konsiderazzjoni legali dwar jekk iċ-ċanfira lill-persuna investigata hijiex piena kriminali. Ovvjament f'dan il-punt is-Sedja ma tħossx li għandha tidħol ladarba s-Sedja diġà għamlet il-punt ċar li l-artiklu 28 f'dan il-każ mhuwiex applikabbli għal eks Membru Parlamentari ladarba m'hemmx il-konfort tal-*vires* li joħroġ mill-istess Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Però s-Sedja tajjeb li tgħid li diġà kien hemm deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża kontra l-Kummissarju Elettorali fejn ovvjament meta wieħed jidħol dwar il-pieni kriminali jekk ikunu se jiġu applikati minn xi kumitat jew kummissjoni dawn jistgħu jiġu biss kominati mill-Qorti, waqt li fil-każ tal-kompensjoni huwa biżżejjed li l-pieni ta' natura kriminali jiġu inflitti minn tribunali indipendenti u imparzjali. Ċanfira jew twiddiba hija piena ta' natura kriminali li taqa' taħt l-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-Ruling għalhekk huwa deċiz.